

# Xbieha tal-Immakulata fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi

Mario Fenech



Fil-Knisja Arċipretali ta` San Nikola fis-Siġġiewi hemm numru ta` xbiehat tal-Madonna b`diversi titli differenti. Fost il-Kwadri li fihom hemm ix-xbieha tal-Madonna hemm wieħed mill-Artal laterali li huwa ddedikat lil Immakulata Kunċizzjoni.

Fil-Kwadru ta`fuq dan l-Artal minbarra x-xbieha tal-Immakulata hemm ukoll il-Qaddisin San Filippu Neri u San Franġisk Saverju. Hemm ukoll l-Erwieħ tal-Purgatorju fil-parti t`isfel tat-tila.

Minbarra f`dan il-kwadru, ix-xbieha tal-Immakulata f`din l-istess Knisja narawha wkoll f`waħda mil-Apside tal-Kappelluni l-kbar ta` maġemb l-Artal Maġġur tal-Knisja.

Ix-xena f`dan il-Kappellun [iet impittra mill-Artist Carmine Palmieri fejn fiha huwa pinġa xena mil-isbaħ tat-tempesta li kienet qamet meta numru ta` Missjunarji kienu qegħdin ibaħħru lejn wieħed mill-pajjiżi imbegħda.

Waqt din it-tempesta dawn il-Missjunarji kienu ġew salvati minn San Nikola bl-Interċessjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni.



L-artist ippreżenta lill-Immakulata f` din ix-xena bil-wieqfa fuq qawsAlla mdawwra bi sħaba bajda fil-waqt li numru t`Anġli żgħar jidhru qegħdin jakkumpanjaw lil Madonna b`uħud minnhom b`Simboli Reliġjużi f`idejhom.

Stillarju sabiħ idawwar Ras l-Immakulata b`dija ta` kulur dehebi fil-waqt li taħt riglejHa jidher qamar kbir.

Fuq in-naħa tax-xellug tax-xena l-figura ta` San Nikola miexi fuq l-ilma b`idejh merfugħa `l fuq juri x-xbieha tal-Immakulata lill-Missjunarji li qegħdin fuq dgħajsa bil-qlugħ tit]abat mal-ħalel tal-baħar imqalleb.

Din hija xena li fiha l-artist Carmine Palmieri permezz tal-pniezel tiegħu mhux biss wassal dan l-episodju b`kapaċità artistika liema bħalha lil dawk li jaraw din ix-xena, iżda wassal ukoll il-messaġġ tal-kobor tat-talb speċjalment meta dan ikun sar biex tinċerdi l-Immakulata Kunċizzjoni.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.